MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## SILVIO CAMILLERI

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2011

Appell Kriminali Numru. 429/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Godwin Agius**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Godwin Agius ta' 42 sena, iben Joseph u Maria Stella nee` Aquilina, imwieled iz-Zebbug, Malta, fit-8 ta' Marzu 1963 u residenti fil-fond Nru 50, 'Sandy Beach', Flat 2, Triq i-Marlozz, Mellieha, karta ta' l-identita` 185263M fejn gie akkuzat talli:

1. fis-26 ta' Lulju 2002, ghall-habta ta' bejn is-sebgha u nofs u t-tmienja neqsin ghaxra ta' filghodu, f'Haz-Zebbug, ikkommetta serq ta' vettura tal-marka Ford Transit van bin-numru tar-reigstrazzjoni BAF 229, liema serq hu kkwalifikat, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1000), u

bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta’ Carmelo Farrugia u ta’ Vincenzo Zammit minn Hal-Safi;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara hi ta’ izjed minn hamsin lira Malti (Lm50) izda anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500), u cioe` fl-istess vettura tal-marka Ford Transit van bin-numru ta’ registrazzjoni BAF 229, ghad-detriment ta Carmelo Farrugia minn Hal-Safi;

3. fl-istess data, lok, hinu cirkostanzi, ikkommetta serq ta’ diversi ghodda, u cioe` ta’ ‘jigger’ tal-marka ’Narex’ li jiswa madwar hames mitt Lira Maltin (Lm500), ta’ ‘jigger’ iehor tal-marka ‘Narex’ li jiswa madwar tlett mitt Lira Maltin (Lm300), ta’ serrieq tal-elettriku ta’ marka mhux maghrufa li jiswa madwar hames mitt lira Maltin (Lm500), u ta’ zewg ‘hand braces’ tal-ghamla ‘Narex’, li jiswew madwar mija u hamsin Lira Maltin (Lm150);

4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, malli sar jaf li xi haga li kienet fil-pussess tieghu kienet haga misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistata b’reat, naqas li jgharraf lil-Pulizija b’dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta hekk sar jaf;

6. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq l-imsemmija vettura tal-ghamla Ford Transit van bin-numru tar-registrazzjoni BAF 229, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta’ l-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-istess vettura minghajr ma kellu licenzja specifikata biex isuq l-imsemmija vettura, u b’hekk ma kienx kopert b’polza ta’ assikurazzjoni ghar-riskji ta’ terzi persuni.

**2.** Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Ottubru, 2010 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imputat Godwin Agius hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u minnhom illiberatu.

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali minnu prezentat fit-18 ta' Ottubru 2010, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u ssib lill-akkuzat Godwin Agius hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tinfliggi fuqu l-pieni skont il-ligi.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**5.** Semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**6.** Il-fatti tal-kawza jistghu jigu riassunti kif gej:

Fis-26 ta' Lulju 2002 Vincent Zammit kien qieghed isuq vettura Ford Transit bin-numru tar-registrazzjoni BAF 229 li kienet tappartjeni lill-imghallem tieghu Carmelo Farrugia. Ghall-habta ta' bejn is-7.30 am u s-7.50 am Vincent Zammit ipparkja l-vettura imsemmija fi Triq Mdina, Haz-Zebbug magemb hanut tax-xorb jismu Hunters Bar sabiex jixtri xi sigaretti. Huwa nizel mill-vettura u dahal fil-hanut biex jixtri s-sigaretti u halla l-vettura msemmija bit-twieqi maghluqa izda bil-bibien mhux msakkra u bic-cwievet gol-*ignition*. Huwa dam fil-hanut xi ghaxar minuti fejn ha xi te'. X'hin hareg mill-hanut sab il-vettura memmija nieqsa u nduna li xi hadd kien seraqhielu. Fil-vettura kien hemm xi ghodda ghandhom x'jaqsmu max-xoghol tal-kostruzzjoni. Vincenzo Zammit minnufih irrapporta s-serq tal-vettura l-ghassa tal-Pulizija u bdew l-investigazzjonijiet u l-van instab xi siegha wara fl-istess inhawi ta' Haz Zebbug f'post maghruf bhala Sqaq ta' Bert. Il-van instab b'xi hsarat u bl-ghodda nieqsa. Ghal habta tas-1.00 pm dakinhar stess Vincent Zammit ha l-Van ghand il-Pulizija sabiex jigi ezaminat ghall-impronti digitali u fil-fatt instabu 4 impronti digitali fuq il-van li wahda minnhom eventwalment irrizultat li kienet tal-imputat appellat Godwin Agius.

7. Uniku huwa essenzjalment l-aggravju tal-Avukat Generali li jsostni li l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti kien wiehed hazin u irragionevoli li emmnet dak li qal l-imputat appellat fix-xhieda tieghu.

**8.** Il-Qorti, ghalhekk, qed tigi mistiedna taghmel apprezzament tal-provi divers minn dak li ghamlet l-ewwel Qorti. Il-gurisprudenza ta' din il-Qorti in materia hi ben stabbilita fis-sens li din il-Qorti bhala regola ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Jekk din il-Qorti, izda, tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dak l-apprezzament u konkluzzjoni. Fil-kaz odjern din il-Qorti jkollha tipprocedi b'aktar kawtela ghaliex ma kellhiex l-opportunita' li tisma' hi stess *viva voce* lix-xhieda prodotti fosthom lill-imputat appellat li l-appellant qieghed jattakka l-kredibilita' tieghu. Di fatti l-appellant isostni li l-appellat (ghalkemm l-appellant kostantement fir-rikors tieghu jirreferi ghall-appellat bhala l-appellant) ma tax spjegazzjoni kredibbli ghall-fatt li nstabet l-impronta digitali tieghu fil-vettura misruqa.

**9.** Mill-provi jirrizulta li wahda mill-impronti digitali li giet elevata minn fuq il-van misruq qablet mas-sebgha tan-nofs ta' l-id ix-xellugija ta' Godwin Agius. Skont ir-relazzjoni tal-espert nominat mill-Qorti din jirrizulta li kienet l-impronta li l-lifter taghha huwa mmarkat bhala document 02BWA304 u li fuqu hemm miktub "Driver's window inside"[1] u tahthom il-kliem "FS 021213 exam on transit BAF 229 at CID yd 26-7-02" u taht kollox il-firma "E Dalli".

**10.** Ma hemmx dubbju li impronta digitali ta' persuna identifikata li tinsab fil-post fejn instabet go

[1] Dan il-lifter jinsab infilzat gio envelope market Dok D a fol 59 tal-atti tal-kumpilazzjoni

vettura misruqa ta' haddiehor minghajr ma tinghata spjegazzjoni plawsibbli ta' kif dik l-impronta spiccat fil-post fejn spiccat fuq l-oggett misruq hija cirkostanza kapaci li tipperswadi 'l hinn mid-dubbju ragonevoli lil min irid jiggudika li l-persuna li lilha tappartjeni dik l-impronta tkun hatja tar-reat ta' serq tal-oggett misruq. Izda l-qofol huwa jekk tinghatax jew le spjegazzjoni plawsibbli ta' kif dik l-impronta instabet fejn instabet. Id-diffikulta' ta' dan il-kaz tinsab fil-fatt li l-imputat appellat, il-persuna li lilha rrizulta li tapparjeni l-impronta digitali relevanti li nstabet fil-Van misruq, ta fil-fatt spjegazzjoni bil-gurament ta' kif dik l-impronta spiccat fejn instabet. Din l-ispjegazzjoni jidher ukoll li giet ritenuta plawsibbli fic-cirkostanzi kollha tal-kaz mill-gudikant li kellu l-opportunita' jisma' lil dik il-persuna tixhed *viva voce* u li ghalhekk kien f'pozizzjoni ahjar minn din il-Qorti sabiex jaghmel l-apprezzament tal-komportament tax-xhud fil-pedana tax-xhieda u tal-fattizzi tax-xhieda shiha tieghu. Ghalhekk, sabiex din il-Qorti tkun tista' serenament tiddisturba l-apprezzament tal-ewwel Qorti f'dawn ic-cirkostanzi dak l-apprezzament jrid jirrizulta manifestament irragionevoli u insostenibbli.

**11.** Mill-provi jirrizulta li meta l-imputat, kwazi tlett snin wara l-fatt, u cioe' fid-19 ta' Marzu 2005, gie interrogat mill-Pulizija huwa cahad li b'xi mod kien involut fis-serq tal-van u tal-ghodda li kienu fih. Huwa stqarr ukoll li ma kienx jaf il-Van BAF 229 liema huwa jew ta' min hu. Mistoqsi jekk huwa qattx dahal gol Van huwa wiegeb li le u anqas biss jaf bih ghalkemm darba kien gol-Hunters Bar u sema li kien insteraq van u xi affarijiet izda ma kienx jaf kienx l-istess wiehed. Meta mistoqsi huwa stqarr li kemm-il darba saq vannijiet Transit minhabba in-natura tax-xoghol tieghu u anki gieli kellu xi vannijiet Transit tieghu jew ghall-bejgh. Inoltre, meta rega gie interrogat fi Frar 2006 l-imputat appellat Agius, meta muri ritratti tal-Van BAF 229 qal li huwa dak il-van qatt ma rah u lanqas saqu. Ma tqajjment ebda kwistjoni mid-difiza dwar dawn l-istqarrijiet tal-imputat.

**12.** Meta xehed fl-20 ta' Frar 2009 l-imputat appellat xehed li huwa jahdem ma' hutu gewwa *yard* u kienu jbieghu karozzi u vannijiet u spare parts. Qal ukoll li

bieghu hafna vannijiet Ford Transit u lil dawn il-vannijiet anki kienu jibdlulhom il-molol u jsewwuhom. Zied jghid li meta originarjament kellmuh il-pulizija huwa kien qallhom li lil Vincent Zammit ma kienx jafu izda meta wara kien rah kien gharfu bhala persuna li gieli mar il-yard taghhom bhala klijent jixtri l-molol u anki gieli ghenu jghabbi l-affarijiet li jkun xtara minn ghandhom. Aktar tard fix-xhieda tieghu, izda, huwa ppreciza li hu ma kienx jaf jekk il-persuna li ghaliha kien qieghed jirreferi kienetx Vincent Zammit jew Carmelo Farrugia izda kienet il-persuna li kienet xehedet fil-kawza u qalet li kienet sid il-van li kien gie misruq. Mitlub jispjega kif l-impronta digitali tieghu nstabet fuq il-van misruq l-imputat appellat wiegeb li huwa kellu hafna vannijiet u ghaddew hafna vannijiet minn taht idejh u li l-van misruq seta kien diversi drabi ghandu u ghal din ir-raguni seta' kien hemm il-fingerprint tieghu gol van.

**13.** Sid il-van Carmelo Farrugia, minn naha tieghu xehed li kien irranga xi trakk u xi molol tat-trakkijiet ghand l-imputat izda cahad li qatt irranga l-van transit ghandu. Zied izda li gieli mar ghand l-imputat bi trakkijiet ohra. Stqarr ukoll li billi gieli l-imputat kellhom il-vannijiet ukoll u gieli kien ser jixtri xi van gieli kien jieqaf jittawwal ghandhom biex jara ghandhomx xi van. Huwa wkoll qal li l-vannijiet li kellu kien jixtrihom *second hand* ghax ma kienx jaffordja jixstri l-gdid. Zied jghid li dakinhar li nsteraqlu l-van, x'hin wasal fuq il-post lill-imputat rah hemm u staqsieh kienx ra xi transit u wiegbu li le. Il-van li kien insteraqlu kien xtrah *second hand* minn Hal Qormi.

**14.** Ghalhekk minn naha tieghu l-imputat ta spjegazzjoni ta' kif l-impronta tieghu setghet nstabet fil-van misruq. Huwa minnu li meta gie nterrogat u anki wara li gie muri ritratti tal-van misruq l-imputat cahad xi konnessjoni mal-van misruq jew li qatt dahal fih. Fl-istess hin huwa stqarr ukoll li kemm-il darba saq vannijiet Transit minhabba in-natura tax-xoghol tieghu u anki gieli kellu xi vannijiet Transit tieghu jew ghall-bejgh u meta xehed stqarr li sid il-van misruq gieli mar ghandu jixtri xi affarijiet minn ghandu u gieli anki ghenu jghabbi l-affarijiet li xtara gol-van. Carmelo Farrugia, sid il-van, ghalkemm cahad li

qatt sewwa l-van misruq ghand l-imputat appellat xehed li gieli mar bil-van ghand l-imputat. Cirkostanza ohra li wkoll tqanqal certu dubbji hija li Carmelo Farrugia, ftit wara li nsteraq il-van kien mar fuq il-post u hemmhekk, meta l-van kien ghadu ma nstabx, sab li l-imputat kien fuq il-post u kellmu.

**15.** Il-Qorti tistqarr li ma tantx hi perswaza bl-ispjegazzjoni li ta' l-imputat appellat izda fl-istess hin ma hix tal-fehma li fic-cirkostanzi tal-kaz u fuq l-iskorta tal-provi akkwiziti l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi u l-konkluzjonijiet minnha raggunti jista' jinghad li huma manifestament irragionevoli u insostenibbli partikolarment meta hi kellha l-beneficcju li tisma' lix-xhieda, fosthom lill-imputat, jixhdu *viva voce* u b'hekk kienet f'pozizzjoni ferm ahjar minn din il-Qorti biex tapprezza l-kredibilita' tax-xiehda tal-imputat.

**16.** Huwa minnu li l-Qorti ma tantx kienet felici fil-mod kif esprimiet ruha dwar li l-ispjegazzjoni tal-imputat kienet wahda possibbli, ghaliex kif tajjeb irrileva l-appellant kollox hu possibbli. Izda l-fatt jibqa' li l-ewwel Qorti kjarament kienet tal-fehma li l-ispjegazzjoni li ta' l-imputat kienet wahda kredibbli u plawsibbli b'mod li ma kienetx tippermettilha tkun perswaza mill-htija tieghu oltre d-dubbju ragonevoli tant li stqarret li kellha "dubbju serju dwar is-sussistenza tal-akkuzi migjuba kontra l-imputat".

**17.** Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, ghalhekk, din il-Qorti ma hix tal-fehma li ghandha tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi prodotti quddiemha.

Ghaldaqstant tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------